

*Apprezzament*

# Mons. Ġużeppi Mercieca

## *Arċisqof ta' Malta bejn Diċembru ta' l-1976 u Jannar tas-sena 2007*

Ġużeppi Merċieca twieled fir-Rabat, Għawdex fil-11 ta' Novembru 1928. Beda jieħu l-edukazzjoni tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex u ġie ordnat saċerdot fit-8 ta' Marzu 1952. Studja fl-Universitajiet Gregorjana u Lateranensi ġewwa Ruma u kiseb id-dottorat fit-Teoloġija u fil-liġi Ċivili u Ekkleżjastika.

Mons. Ġużeppi Merċieca tqie-għed bħala Kanċillier tal-Kurja ta' l-Isqof f'Għawdex. Fis-Seminarju għallem it-Teoloġija u l-liġi tal-Knisja.

Mill-1959 sa l-1969, kien rettur tas-Seminarju ta' Għawdex sakemm fl-1969 ġie magħżul bħala Mħallef tas-Sagra Rumana Rota. Kien ukoll konsultur tal-Kongregazzjoni tas-Sagramenti u tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi.

Fis-27 ta' Lulju 1974 ġie nominat Isqof titulari ta' Ġemelle fin-Numidja u awżiljarju għall-Arċisqof Gonzi. Ftit snin wara tqiegħed bħala Vigarju Ġenerali, u hu baqa' f'dan is-servizz sakemm ġie nominat Arċisqof Metropolitan ta' Malta fis-sena 1976. Ħa l-pussess tat-tmexxija ta' l-Arċidjoċesi fit-12 ta' Diċembru 1976. F'Ġunju ta' l-1991, Mons. Ġużeppi Merċieca ġie nominat Imħallef tat-Tribunal Suprem tas-Sinjatura Appostolika.



*Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta bejn l-1976 u s-sena 2007.*

Fl-1995, l-Arcisqof Merċieca ġie magħżul bħala membru fix-Xirka Ġieħ ir-Repubblika ta' Malta u fl-istess żmien ġie nominat ukoll bħala Kappillan Konventwali ta' l-Ordni Sovran Militari ta' Malta. Meta għalaq 75 sena, fil-11 ta' Novembru 2003, l-Arċisqof Mercieca talab ir-rinunzja tiegħu, kif fil-fatt jesiġu l-liġijiet tal-Knisja.

Din però ġiet miċħuda mill-Papa Ġwanni Pawlu II u baqa' jmexxi l-Arċidjoċesi ta' Malta sal-25 ta' Jannar 2007.

Fl-aħħarnett, il-Kumitat Eżekuttiv u s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, juru l-apprezzament tagħna lkoll għax-xogħol siewi li l-Arċisqof Ġużeppi Merċieca għamel b'riżq l-Arċidjoċesi ta' Malta tul it-tletin sena li dam jokkupa l-kariga ta' Arċisqof u Ragħaj tagħna lkoll.

*Ad Multos Annos*

**L-Avukat**
**Dr Mark Portelli B.A., LL.D.**

Jawgura l-festa t-tajba
Lill-Imqabbin kollha

Uffiċċji: 11, Triq l-Aħwa Ghigo, Mqabba, MQB 1330
Tel: 2164 7089 | Fax: 2122 3058 | Mobile: 79055392

62/3, Triq l-Ifran, Valletta, VLT 1454
Tel: 2122 3235 | Fax: 2122 3058